# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 31 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 417/99**

**Numru 24**

**Maltacom p.l.c. gia Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati)**

**vs**

**Lawrence Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' mitejn tnejn u tmenin liri Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm282.94c) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 432388 liema servizz gie stallat fil-fond maghruf bhala Charles Stationery, Ponsomby Street, Mosta customer no. 267571, u

dana skond ma kif jidher mill-service agreement anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-eccipjent mhux debitur tas-socjeta attrici fl-ebda ammont.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhekk, ghandu jinghad li l-konvenut bl-ebda mod ma ta' xi spjegazzjoni sabiex din il-Qorti tista' tghid ghaliex l-ammont in kwistjoni ma hix dovut minnu. Difatti, kif jidher minn nota tal-eccezzjonijiet imsemmija, l-konvenut ma ta' <u>ebda raguni</u> ghaliex

hu ma hux debitur tal-istess socjeta attrici fl-ammont mitlub. Inoltre kif jidher a fol 6, 7, 9, 21, 25, 26 u 27 il-konvenut qatt ma deher f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta attrici, gew prodotti s-segwenti provi:-

a) Saviour Farrugia oltre li kkonferma id-dokumenti esebiti in atti, permezz ta' nota, a fol 10, xehed li l-ammont specifikat fl-avviz kien dovut mill-konvenut (ara fol 22 u 23 ibid).

b) L-istess Saviour Farrugia ippresenta "seduta stante" kopja ta' talba maghmula mill-konvenut sabiex jitnehha s-servizz ta' telefon mill-post specifikat fl-avviz liema talba ggib id-data tat-23 ta' Lulju 1997.

c) Kif di gja inghad minn fol 10 sa fol 20 tal-istess atti hemm esebiti zewg dokumenti konfermati minn Saviour Farrugia liema dokumenti huma "itemised bill" kif ukoll rendikont vis-à-vis l-ammont imsemmi fl-avviz. Mill-imsemmi rendikont, jidher li l-ammont pretiz fl-avviz jkopri l-perjodu kif ser, jinghad:-

i) L-ammont ta’ Lm277.02,0 sat-23 ta’ Lulju 1997, l-istess data li fiha saret it-talba, gja msemmija, sabiex jitnehha s-servizz ta’ telefon mill-istess post.

ii) l-ammont ta’ Lm5.92,0 li jgib id-data tat-2 ta’ Novembru 1997. In rigward dan l-ammont, ma rrizultax car ghaliex il-hlas ta’ dan l-ammont qed jintalab u ghalhekk, in rigward dan, it-talba attrici ma tistax tigi akkolta.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher it-talba attrici ghandha tigi akkolta fl-ammont ta’ Lm277.02,0,

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba attrici kif hemm fuq premess u tikkundanna l-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm277.02,0 bl-imghax legali mit-18 ta’ Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur